ID-DAWL

ĠUNJU 2025 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 90

“La tagħmlux ħsara fl-art; toħolqux diżordni fuq l-art.”

Nitimgħu lil dawk bil-Ġuħ | L-Oppressi u l-Oppressuri | Ilbes b’Dinjità | Ħelsien mill-Vizzju

Editorjal

Il-Morali

Nitimgħu lil dawk bil-ġuħ

Imam Laiq Ahmed Atif
President Ahmadiyya Muslim Jamaat

Meta naraw it-tbatija indeskrivibbli f’Gaża u l-Palestina—fejn il-ġuħ, il-mard, id-disperazzjoni, in-nuqqas ta’ tama, u l-uġigħ jipprevalu, u d-dinja tibqa’ indifferenti—dan ifakkarni f’diskors li jmisslek qalbek tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih. Huwa qal li f’Jum il-Ġudizzju Alla se jikkonfrontakom u jgħidilkom li:

“Kont marid u inti ma staqsejtx dwar saħħti.” Il-bniedem se jgħid: “O Alla Inti s-Sid tad-dinja kollha, u qatt ma timrad, u ma kellekx bżonn tal-għajnuna tagħna.” Alla se jgħid: “Le, wieħed mill-qaddejja Tiegħi kien marid u kellek tistaqsi dwar saħħtu u kont issibni hemm.”

Imbagħad, wara dan se jkompli jafferma u se jgħid: “Kelli l-ġuħ u ma tajtnix ikel, kelli l-għatx u ma tajtnix ilma, ma kellix libsa u ma libbistnix.” U kull darba l-bniedem se jgħid: “O Alla Inti s-Sid tad-dinja kollha, għandek kollox, u ma kellekx bżonn tal-għajnuna tagħna.” Alla se jgħid: “Wieħed mill-qaddejja Tiegħi kellu bżonn ta’ dak kollu.” U kull darba se jgħid: “Li kieku inti għamilt dan kollu, kont issibni hemm.”

Bla dubju ta’ xejn, qed naraw din is-sitwazzjoni quddiem għajnejna, kull ġimgħa, kuljum, anke kull mument f’Gaża u l-Palestina, fejn mhux wieħed, tnejn, tlieta, jew xi whud qaddejja ta’ Alla, iżda eluf kbar ta’ nies, inkluż tfal, nisa, anzjani, u morda qed jitolbu ikel, ilma, mediċina, ħwejjeġ, kenn, u affarijiet oħra, anke l-aktar bżonnijiet bażiċi tal-ħajja. Qed jitolbu, imma ftit biss qed jisimgħu.

ID-DAWL

ĠUNJU 2025 – Numru 90 – Pubblikazzjoni ta’
AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA
Mob: 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
Email: amjmalta@gmail.com
www.ahmadiyyamalta.org

INDEX

Feeding the hungry 02
Oppressed and oppressor 04
Dress with respect 06
Role models for children 07
Freedom from addiction 08

www.ahmadiyya.mt/id-dawl **Il-Qoxra:** ARVD73 | Shutterstock
Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

Addkm | Shutterstock

Ejjew nimmaġinaw is-sentimenti li aħna—it-tmien biljun ruħ kollha fuq din il-pjaneta—nistgħu nesperjenzaw meta Alla jindirizzana f'Jum il-Ġudizzju. X'tweġiba se nagħtu meta ma nistgħux niċħdu li rajna l-orrur iseħħ quddiem għajnejna stess? Konna xhieda. Ma nistgħux nistqarru li aħna injoranti.

Ejjew ma nkunux fost dawk li jiffaċċjaw l-umiljazzjoni u l-korla ta' Alla f'dak il-jum. Illum huwa ż-żmien li nuru xi nsarrfu. Illum huwa l-jum li nqumu fuq in-naħa t-tajba tal-istorja—mhux biss bil-kliem, iżda bl-azzjoni, bil-fatti u l-kuraġġ morali.

Nixtieq nagħlaq bil-kliem tad-deheb tal-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya, li jista' jservi bħala prinċipju gwida għalina lkoll—speċjalment fil-kuntest tal-gwerra f'Gaża. Huwa qal:

"Oqogħdu attenti mit-toroq tal-qirda... Kull għodwa għandha tkun xhieda għalikom li qattajtu l-lejl fit-tjubija u kull għaxija għandha tkun xhieda għalikom li qattajtu l-jum bil-biża' ta' Alla f'qalbkom."

Q&A

Nistgħu ngħinu lill-oppressur?

“Fost in-nies hemm min jgħid: ‘Nemmnu f’Alla u fl-Aħħar Jum,’ iżda ma jemmnux tassew. Iqarrqu (mingħalihom) b’Alla u b’dawk li emmnu, iżda ma jqarrqux ħlief bihom infushom, bla ma jintebħu. Fi qlubhom hemm marda, u Alla żiedhom fil-mard, u għalihom hemm kastig ta’ wġigħ mill-kbar, tal-gideb li kienu jigdbu. Meta jingħad lilhom: ‘La tagħmlux ħsara fl-art; toħolqux diżordni fuq l-art,’ huma jgħidu: ‘Aħna biss qed infittxu li nippromwovu l-paċi u l-ġid!’” (Il-Koran, 2:9-12)

“Jekk żewġ gruppi ta’ fidili jiġġieldu kontra xulxin, ippruvaw ġibu l-paċi bejniethom; imbagħad, jekk wara dan kollu wieħed minnhom ikun ħati ta’ trasgressjoni kontra l-ieħor, iġġieldu kontra dak li hu trasgressur sakemm jerġa’ jkun taħt il-kmand ta’ Alla. Imbagħad, jekk dan isir, agħmlu l-paċi bejniethom bl-ekwità u aġixxu b’ġustizzja. Tassew, Alla jħobb lill-ġust.” (Il-Koran, 49:10)

Is-sitwazzjoni tal-gwerra, jew aħjar ngħidu l-ħruxijiet Iżraeliti f’Gaża, il-Palestina, qabżu l-limiti kollha u laħqu punt fejn l-ebda ġustifikazzjoni mhi possibbli. Fi kliem ieħor, ***enough is enough***. Għalhekk, irridu mmorru lil hinn minn sempliċi kundanna u protesta vokali — id-dinja trid tieħu azzjoni deċiżiva biex twaqqaf dan il-barbariżmu, illum qabel għada. Huwa importanti anzi sar kruċjali li dan il-barbariżmu għandu jieqaf darba għal dejjem.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, għallimna l-prinċipju prezzjuż li verament jgħodd ħafna għal din is-sitwazzjoni. Huwa għallimna li għandna ngħollu leħinna kontra inġustizzji bħal dawn u ngħinu kemm lill-oppressi kif ukoll lill-oppressuri. Huwa qal li, għinu kemm lil dawk li qed ibatu kif ukoll lil dawk li qed joħolqu t-tbatija.

L-Imsieħba tal-Profeta Muħammad staqsew li, waqt li jifhmu li tista’ tingħata għajnuna lil dawk li huma mweġġgħin, kif jistgħu jgħinu bniedem li jkollu qalbu ħadra? Setgħu jgħinu biex isalvaw lill-oppressi minn idejn l-oppressuri, kif setgħu jgħinu lill-oppressuri?

Il-Profeta Muħammad wieġeb billi qal li l-għajnuna lill-oppressuri kienet tfisser li twaqqfuhom milli jwettqu l-inġustizzji tagħhom, billi żżommulhom idejhom milli jikkommettu aktar krudeltà għaliex, jekk jimxu 'l quddiem fil-krudeltajiet, il-ħruxijiet u l-inġustizzji tagħhom, isiru soġġetti għad-diżapprovazzjoni ta' Alla li Jista' Kollox u l-kastig Tiegħu, u b'hekk jeqirdu ħajjithom f'din id-dinja u fil-ħajja ta' wara. Għalhekk, f'ġieħ il-ħniena, ippruvaw salvawhom.

Dan il-prinċipju jgħodd għall-iżgħar ħjut tas-soċjetà sal-livell internazzjonali. Għalhekk, fil-kuntest tal-ħruxijiet Iżraeljani f'Gaża, huwa minnu li d-dinja għandha żżomm idejhom mill-krudeltajiet, il-brutalitajiet, id-diżumanità, u l-qtil orribbli ta' nies ċivili innoċenti inklużi tfal u nisa.

Għalhekk, kull wieħed u waħda minna għandu rwol x'jaqdi bi kwalunkwe mod li jista', fil-limiti tiegħu. Il-Profeta Muħammad kompla jiggwidana f'dan billi qal: **"Kull min fostkom jilmaħ il-ħażen, ħalluh ibiddlu, ineħħih, b'idu. Jekk ma jirnexxilux, mela juża lsienu u jgħolli leħnu. Jekk ma jirnexxilux, mela juża qalbu u jħoss diqa ġo qalbu, u dak huwa l-aktar livell baxx tal-fidi."**

LittlePerfectStock | Shutterstock

Ilbes b'dinjità: il-valur tal-modestja fil-ħajja pubblika

L-Iżlam huwa reliġjon ibbażata fuq il-liġijiet tan-natura. Għalhekk, mhuwiex biss reliġjon, iżda wkoll mod ta' ħajja. L-Iżlam jipprovdilna sistema ta' normi u valuri, kodiċi ta' kondotta, għal ħajja sana, produttiva u paċifika f'din id-dinja u biex niksbu l-maħfra, il-ħniena u l-pjaċir ta' Alla matul it-triq.

Fid-dinja sekulari u modernizzata, xi drabi n-nies jitkellmu kontra n-normi u l-valuri Iżlamiċi u saħansitra jonqsu milli jifhmu s-sinifikat tagħhom; fost dawk il-valuri hemm il-kastità u l-modestja. Ngħixu f'soċjetà liberali fejn irridu kontinwament infakkru lilna nfusna dwar ir-rwol ċentrali li għandha l-kastità u l-modestja fil-ħajja tagħna ta' kuljum u kemm ninsabu f'riskju jekk ma nkunux diliġenti fil-ħarsien tal-kastità u l-modestja tagħna.

Il-valuri Iżlamiċi huma li jipproteġu d-dinjità tagħna u jgħollu l-pożizzjoni u l-unur tagħna fis-soċjetà. Għalhekk, l-Iżlam jiggwida li l-ilbies tagħna għandu jkun ukoll diċenti ħafna u dinjituż, kemm id-dar kif ukoll meta nkunu fl-isfera pubblika. Sfortunatament, xi drabi jidher li n-nies ma jimpurtahomx mill-ilbies meta jkunu f'postijiet pubbliċi, partikolarment matul is-sajf bl-iskuża li 'hemm sħana wisq'. Huwa minnu li xi kultant it-temp ikun sħun ħafna u ż-żieda fit-temperatura tinkwetana, iżda hemm

Diamond Dogs | iStock.

modi kif ngħinu lilna nfusna nħossuna komdi fit-temp estrem billi nilbsu ħwejjeġ ħfief, bħal meta matul ix-xitwa nilbsu lbies ħoxnin u tqal biex nipproteġu lilna nfusna mit-temp kiesaħ.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, waqt li kien qed jiggwidana f'dawn il-kwistjonijiet, qal li l-modestja hija parti mill-fidi. Darba ta gwida profonda kif nistgħu nikkultivaw attitudni diċenti meta aħna nkunu fit-toroq u qal:

"Oqogħdu attenti! Evitaw li toqogħdu bilqiegħda fit-toroq." In-nies qalu, "O Profeta ta' Alla! Ma nistgħux nevitaw li noqogħdu hemm għax għandna niddiskutu l-affarijiet tagħna hemmhekk." Il-Profeta qal, "Jekk tinsistu li toqogħdu hemm, imbagħad agħtu lit-toroq id-drittijiet tagħhom." In-nies staqsew, "X'inhuma d-drittijiet tat-triq?" Qal, "Tbaxxi l-ħarsa tiegħek, toqgħod lura milli tagħmel ħsara lil ħaddieħor, tirreċiproka t-tislima, u tordna dak li hu tajjeb u tipprojbixxi dak li hu ħażin."

Għalhekk, huwa ferm importanti li meta ngħixu fis-soċjetà għandna nkunu konxji dwar id-dmirijiet tagħna inkluż li nilbsu diċenti waqt li nkunu fl-isfera pubblika, meta nimxu fit-toroq, immorru fis-swieq, fil-ħwienet u postijiet pubbliċi oħra. Għandna dejjem inżommu quddiemna l-prinċipju li l-ilbies u l-għemejjel huma l-mera tal-karattru tagħna; il-mera tagħna ta' min aħna u x'kalibru għandna.

Mudelli eżemplari għat-tfal

Għall-ġenituri dan isir iktar importanti għax it-tfal tagħhom jitgħallmu mill-eżempji tagħhom. Għalhekk, il-ġenituri għandhom l-irwol importantissimu f'dan ir-rigward. Kemm qal b'mod sabiħ il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, li: **"Kull tifel u tifla jitwieldu bin-natura tagħhom safja u pura. Huma l-ġenituri li jagħmluhom Lhud jew Insara jew atei jew Musulmani skont it-tagħlim u t-taħriġ speċifiku li jgħaddulhom, u billi jipprovdu mudell partikolari bis-saħħa tal-imġiba tagħhom stess."**

Fil-qosor, l-ilbies diċenti u rispettuż jixhed il-valuri tal-pudur fil-ħajja pubblika li dejjem għandna nkunu konxji dwarhom għalina u għal uliedna.

Ħelsien mill-vizzju permezz tal-fidi

Id-dinja hija mimlija tbatijiet—ħażen, problemi, u provi—u kważi kuljum iġġib sfidi ġodda. Fi żminijiet diffiċli, xi nies iduru għal drogi illegali u ta' ħsara biex isibu serħan. B'mod allarmanti, anke tfal ta' 15 jew 16-il sena qed jesperimentaw bid-drogi.

Studju reċenti sab li l-bniet kienu kważi żewġ terzi aktar probabbli mis-subien li ppruvaw droga illeċita. Madwar 15% tal-bniet irrappurtaw li ppruvaw sustanza illegali f'xi punt, meta mqabbla ma' 9% tas-subien.

In-nies iduru għad-drogi għal diversi raġunijiet, ħafna drabi minħabba diffikultajiet personali jew soċjali. Sentimenti ta' dipressjoni, ansjetà, jew disperazzjoni jistgħu jwasslu lil xi ħadd biex juża d-drogi bħala mod kif jaħrab mill-isfidi tal-ħajja. Meta n-nies ikunu f'problemi, jirrikorru għad-drogi biex ikollhom ftit paċi u serħan il-moħħ.

Xi drabi, in-nies iħossu li l-bibien kollha huma magħluqa għalihom—jew forsi qatt ma ppruvaw ifittxu l-għajnuna meħtieġa.

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana offra soluzzjoni dejjiema—ta' kull żmien. Ir-rimedju tiegħu, ittestjat għadd kbir ta' drabi, dejjem wera li huwa l-aħjar. Huwa qal:

"Din id-dinja hija post ta' eluf ta' ħażen, tribulazzjonijiet u provi: bis-sinċerità u s-sodezza kollha tal-qalb aqbdu lil Alla, sabiex Hu jżomm dawn il-ħażen, it-tribulazzjonijiet u l-provi 'l bogħod minnkom.

L-ebda ħażen u l-ebda niket ma jitwieled f'din l-art mingħajr digriet mis-Smewwiet għal dan l-effett; u l-ebda niket ma jitneħħa sakemm il-ħniena tinżel mis-Smewwiet. Għalhekk l-għerf min-naħa tagħkom jinsab f'dan li taqbdu sew l-għerq, mingħajr ma tinkwetaw dwar il-friegħi."

IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

"ID-DAWL" (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
www.ahmadiyya.mt